# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 27

11 ta' Frar 2026

Is-seba' u għoxrin (27) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 11 ta' Frar 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

27.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

27.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

27.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

27.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-erba' u għoxrin (24) u tal-ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.2.2. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 25.3.7 u talbet li jiġi kjarifikat li l-aħħar żewġ kelmiet tal-paragrafu għandhom jaqraw "dan l-ilment" minflok "din il-materja".

27.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

**Nota: 17:27 Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-materja nru 27.4.**
**Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tiġi sospiża sabiex jilqa' lill-accountant tal-Kunsill mal-mejda.**

**17:39 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

**27.4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2025**

27.4.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzarju tas-sena 2025.

27.4.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u issekondat mill-Kunsillier DC, ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

27.4.3. Is-Sindku NH ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena.

27.4.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u issekondat mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

27.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

27.3.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi informa lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta minn Festivals Malta rigward tibdil fit-tpoġġija tal-karrijiet għall-okkażjoni tal-Karnival minħabba l-maltemp. Huwa qal li dan kien se jikkawża tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalità.

27.3.1.1. Is-Sindku qal li kien esprima d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' konsultazzjoni fejn kien ġie informat li kienet saret laqgħa f'Jannar li għaliha l-Kunsill ma kienx ġie mistieden.

27.3.1.2. Huwa qal li kien esiġa li ssir laqgħa mar-rappreżentanti kollha u informa li din kienet ser tinżamm l-għada filgħodu.

27.3.1.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet fejn se jiġu rilokati tal-linja ġaladarba l-karrijiet kienu ser ikunu minflokhom. Is-Sindku ikkonferma li kien infurmat li dawn kienu ser jiġu rilokati għal madwar il-Fosos.

27.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Banda Vilhena fejn kien qed jitlob li jkun hemm konferma għall-banda ta' Jum il-Floriana. Il-prezz offrut kien dak ta' €1400 għall-banda u €250 għar-riklam u awgurju fil-ktieb tal-festa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiċċara magħhom dawn iċ-ċifri.

27.3.3. Is-Sindku għamel riferenza għad-dawl mitfi li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qal li flimkien mas-SE kien iltaqa' ma' kuntrattur sabiex jingħataw stima għat-tiswija iżda dan kien baqa' qatt ma bagħatha. Is-Sindku talab lis-SE jispjega f'iktar dettall.

27.3.3.1. Is-SE spjega li kienet intalbet kwotazzjoni oħra fejn il-kuntrattur kien bagħat rapport estensiv li jinkludi ritratti tal-ħsarat li hemm fil-wiring kif ukoll ħsara fil-covers, fil-bozoz u fil-globi.

<u>**Nota: 17:59 Il-Kunsilliera JVP attendiet għal-laqgħa.**</u>

27.3.3.2. Huwa kompla billi ta rendikont ta' x'qed jiġi propost biex tibda' t-tiswija.

27.3.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jipproċedi hekk kif propost.

27.3.3.4. IS-SE informa li għalhekk, mill-ġimgħa ta' wara, għandhom jinxtraw il-bozoz u l-globi neċessarji sabiex dawn jibdew jinbidlu.

27.3.4. Is-Sindku ressaq talba sabiex jiġi organizzat il-Jum Nazzjonali tal-Filippini fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Indipendenza fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Wara li ddiskuta, il-

Kunsill qabel li għandu jinformahom li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ permessi komplementari biex jintuża l-ġnien.

27.3.5. Is-Sindku ressaq proposta mingħand il-WR Professur Martin Micallef biex jiġu ppubblikati ammont ta' kotba li jittratta l-lokalità tal-Floriana. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jippubblika dawn il-kotba b'mod konġunt mal-awtur għall-ispiża totali ta' €3,000.

27.3.6. Is-Sindku ressaq talba mingħand is-Sur Adrian Mizzi biex terġa' tiġi organizzata l-Malta Fashion Week. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinformah li filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni, il-permess għandu jitħallas skont il-prassi l-ġdida tal-Kunsill.

27.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Amadeus Chamber Choir fejn offrew li tiġi organizzata attività b'mof konġunt mal-Kunsill bl-ispiża tammonta għal €4500. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx.

27.3.8. Is-Sindku ressaq talba għal spazji ta' parkeġġi riservati għall-iSptar Sir Paul Boffa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-approvazzjoni ta' spazji ta' parkeġġ riservati.

27.3.9. Is-Sindku talab li titpoġġa l-materja tal-Grand Harbour Revival Plan fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 27.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2025

27.4.1. Din il-materja ġiet diskussa wara materja nru 27.2.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.5.1. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-Kunsill idur is-sinjali storiċi tal-Floriana Heritage Trail għall-ħsarat li ġew ikkawżati mil-maltemp fl-aħħar jiem. Il-Kunsill qabel.

27.5.1.1. Is-Sindku ippropona li tinbidel it-tabella li hemm ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini.

27.5.1.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-irħama tal-monument ta' Pietro Paolo Floriani u possibbilment dik tal-monument tal-Granmastru De Vilhena, u ippropona li din tinbidel minħabba li kienet iċċarat.

27.5.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti.

27.5.2. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill jikkomunika mal-gwardjani lokali rigward tmigħ ta' ħamiem fi Triq il-Konservatorju. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jgħaddi dawn id-dettalji kemm lill-gwardjani lokali kif ukoll lill-Pulizija tal-komunità.

27.5.3. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jinbidlu s-soqfa tal-cat cafés li hemm ħdejn iċ-ċentru tas-saħħa. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara li ssir il-manutenzjoni neċessarja.

27.5.4. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-monti li jarma nhar ta' Ħadd u qalet li persuna kienet ilmentat magħha rigward il-konfużjoni li qed tinħoloq biex wieħed joħroġ u li mhux qed jitħalla aċċess għall-vetturi t'emerġenza.

27.5.4.1. Il-Kunsill iddiskuta li s-sitwazzjoni inqalgħet minħabba x-xogħol li kien għaddej u li tali xogħol ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Minkejja dan il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post sabiex jara jekk jistax isir xi ħaġa min-naħa tiegħu.

27.5.5. Il-Kunsilliera SSH ressqet ilment rigward kumpanija li kienet qed toħroġ siġġu biex tirriserva l-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-gwardjani lokali sabiex tittieħed azzjoni dwar dan.

27.5.6. Il-Kunsillier DC ippropona li l-Kunsill jikteb lil min hu responsabbli dwar il-monumenti mitfijin li hemm fil-lokalità. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lill-Ministru li min-naħa tiegħu kien staqsa lid-Direttur Ġenerali dwar dan.

27.5.6.1. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma ħa ħsieb monumenti nazzjonali u għalhekk il-Kunsill għandu jinsisti mal-awtoritajiet li għandha tittieħed azzjoni biex dawn jerġgħu jinxtegħelu minnufih.

27.5.6.2. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal xi fanali li waqgħu quddiem il-Housing. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet għat-tiswija tagħhom.

27.5.6.3. Is-Sindku għamel riferenza għal sprall fiż-żona tal-Qasam tad-Djar fi Triq il-Fosos u qal li din kienet tkissret min-Nexos u għalhekk għandhom jieħdu ħsieb li jirranġawha huma.

27.5.7. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għal wire li hemm imdendel fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u talab li dan jitranġa.

27.5.7.1. Is-Sindku qal li kien innota diversi wires imdendla u kien talab lill-kuntrattur preċedenti sabiex ineħħihom. Huwa qal li l-kuntrattur preżenti ukoll kien għadda xi wires.

27.5.7.2. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed azzjoni biex dawn jitneħħew.

**Nota: 18:47 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

27.5.8. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għal xogħol li kellu jsir fuq l-art biswit it-taraġ tal-Kalkara u staqsa jekk kienx hemm xi risposta jew żvilupp dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jibgħat tfakkira.

**Nota: 18:49 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

27.5.9. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx inbidel in-numru ta' kuntatt tal-Pulizija tal-Komunità fejn is-SE ikkonferma li n-numru ma kienx inbidel.

27.5.10. Il-Kunsilliera JVP kompliet billi qalet li kien hemm diversi ilmenti rigward nies reqdin fis-subways. Is-SE qal li meta ikkuntattja lill-Pulizija dwar dan, dawn kienu marru fuq il-post u ttieħdet azzjoni.

27.5.11. Il-Kunsilliera JVP għamlet riferenza għall-uffiċjali l-ġodda li kienu qed iduru mal-Pulizija tal-Komunità u staqsiet jekk il-Kunsill kellux kuntatt magħhom. Is-SE wieġeb fin-negattiv u qal li dawn ma setgħux jiġu ikkuntattjati individwalment kemm minħabba li dawn ma kienux membri tal-Pulizija kif ukoll minħabba li dawn kienu jduru mal-Pulizija tal-Komunità u għalhekk wieħed irid l-ewwel jikkuntattja lilhom.

27.5.12. Il-Kunsilliera JVP għamlet riferenza għall-inizjattivi tal-Prime Minister School u tal-Mental Aid Awareness Campaign. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuqhom u li għandu jippostja l-posters rispettivi tagħhom fuq il-paġni soċjali tal-Kunsill.

## 27.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITAT

27.6.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

**Nota: 18:51 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 27.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

27.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 20/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

27.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier DC u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

## 27.8 Ġieħ il-Floriana u Personaġġi Jum il-Floriana 2026

27.8.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill irid jiddiskuti dwar il-personaġġi li ser jingħataw ġieħ.

**Nota: 18:55 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.**

27.8.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-personaġġi għal din is-sena jkunu dawn:

Loredana Galea
Julia Ann Cluett
Jackie Mercieca
Publio Magro
Tyrone Curmi
Emanuel S. Tonna

## 27.9 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

27.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li wara ħafna il-Kunsill kien irnexxielu jasal għal kompromess u għalhekk issa kien hemm konferma li l-edizzjoni li jmiss tal-festival kienet ser terġa' ssir kif pjanat.

27.9.2. Is-Sindku qal li kienet inżammet laqgħa mal-Għaqda Piroteknika Maltija li kienu qed jipproponu bidla radikali li kienet ser twassal għal żieda fil-livell ta' dan il-festival.

27.9.3. Is-Sindku talab li jiġu ċirkolati ir-regolamenti lill-kunsillieri għall-kummenti tagħhom ħalli sal-aħħar ta' dik il-ġimgħa joħorġu l-applikazzjonijiet.

27.9.4. Is-Sindku qal li l-Għaqda Piroteknika Maltija kienet issuġġeriet li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill preżenti fejn is-Sindku kien ikkonferma li ta' kull sena l-Kunsill ikollu rappreżentant preżenti.

27.9.5. Is-Sindku qal li kienu ipproponew ukoll li ssir konferenza stampa. Il-Kunsill qabel mal-proposta li ssir konferenza stampa ħalli jsir riklamar tal-attività u jkun hemm attendenza xierqa.

## 27.10 Is-XVII -il Assemblea Ġenerali Furjaniża

27.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-XVII-il Assemblea Ġenerali Furjaniża u qal li jixtieq konferma sal-għada fuq min mill-kunsillieri kien ser jitkellem u fuq liema tema.

27.10.2. Il-kunsillieri innotaw dan u qalu li għandhom jikkonfermaw sal-għada.

27.10.3. Is-Sindku kompla billi ħeġġeġ lill-kunsillieri biex iħeġġu lin-nies jattendu għal din l-assemblea.

27.10.4. Is-SE qal li kien hemm konferma mingħand il-Floriana Senior Citizens li l-Assemblea Ġenerali Furjaniża tinżamm fis-sala tagħhom.

## 27.11 DEĊIŻJONI DWAR TALBIET GĦAL KUMPENS

27.11.1. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għal ċirkolari li ntbagħtet u li titratta l-proċedura għal talbiet għal kumpens.

27.11.2. Is-SE għamel riferenza għal talba għal kumpens speċifika. Wara li iddiskuta l-każ, il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta r-risposta tal-Avukat tal-Kunsill u jipproċedi b'din ir-risposta.

## 27.12 TERMINAZZJONI TAS-SERVIZZ TA' APP LI MA TINTUŻAX

27.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal app li l-Kunsill kien ħoloq fil-passat u li ma kienitx baqgħet tintuża anke minħabba mezzi oħra li bdew jintużaw iktar maż-żmien.

27.12.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' din l-app.

## 27.13 ST. PATRICK'S (SUN)DAY

27.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-għada kienet ser tinżamm laqgħa tal-kumitat organizzattiv.

27.13.2. Il-Kunsillier DC spjega li kienu qed jintalbu d-dettalji inkluż it-technical rider biex ikun jista' jiġi preparat kollox.

27.13.3. Il-Kunsill iddiskuta d-deċiżjoni li kien ħa f'laqgħa preċedenti fir-rigward tal-għażla tal-kuntratturi tas-sawnd u l-palk fejn il-Kunsill kien għażel l-orħos offerti mill-kwotazzjonijiet li rċieva. Il-Kunsill iddiskuta wkoll li d-differenza bejn il-kwotazzjonijiet kienet waħda sostanzjali speċjalment in vizta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u tal-bżonn li tonqos l-ispiża.

27.13.4. Il-Kunsill ikkonkluda li għal attivitajiet futuri, is-sottokumitat għandu jipprovdi lista ta' speċifikazzjonijiet lill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob kwotazzjonijiet a bażi tal-ispeċifikazzjonijiet li jkunu ġew provduti mis-sottokumitat.

## 27.14 Skema ta' Parkeġġ Residenzjali – Tiġdid tal-permessi

27.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien wasal iż-żmien li jiġġeddu l-permessi tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali.

27.14.2. Is-Sindku staqsa x'kienet il-proċedura biex jiġu ikkuntattjati id-dixxendenti. Is-SE spjega kif il-Kunsill jikkuntattja lir-resident li min-naħa tiegħu jieħu ħsieb jinforma lid-dixxendent/i tiegħu.

27.14.3. Is-Sindku esiġa li għandu jsir eżerċizzju xieraq biex mill-iskema ta' parkeġġ residenzjali jibbenefikaw biss dawk li ħaqqhom u dan anke sabiex jonqos l-abbuż.

27.14.4. Is-SE qal li l-kuluri tal-permessi-il ġodda kienu nbidlu ħalli l-gwardjani jkunu jistgħu jagħmlu distinzjoni sew bejn l-antik u l-ġdid. Huwa żied jgħid ukoll li kien ser jingħata biżżejjed żmien sabiex wieħed ikun jista' jiġbor il-permess-il ġdid qabel ma l-permess-il ġdid jidħol in effett. Il-Kunsill innota dan.

## 27.15 Il-Kriżi Demografika u r-Riġenerazzjoni ta' Floriana

27.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-kriżi demografika u r-riġenerazzjoni tal-Floriana.

27.15.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien informat li kienet ġiet iffissata data għal laqgħa biex ikun jista' jintlaħaq ftehim fuq id-data tal-konferenza.

27.15.3. Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sindku u mal-Arċipriet tal-Belt Valletta sabiex ikun jista' jsir sforz kollettiv bejn il-partijiet kollha dwar din il-materja. Il-Kunsill qabel.

## 27.16 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

27.16.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2026 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 10 ta' Marzu 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |